**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Każ Numru: 4724/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**Vs.**

**Jehiel Falzon**

**Illum, 17 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat illi tressaq b'arrest **Jehiel Falzon**, ta' 31 sena, iben Victor Falzon u Grace Falzon nee' Zammit, imwieled nhar il-11 ta' Settembru 1993 ġewwa Pietà, Malta, residenti 10, Triq Biċċieni, Sqaq Numru 3, Żabbar, detentur ta' karta tal-identità Maltija numru 0425493M.

*Akkużat talli nhar it-3 ta' April 2025, fil-ħinijiet ta' bejn id-21:15 u id-21:40 ta' filgħaxija u/jew f'ħinijiet oħra, ġewwa Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar u/jew fil-viċinanzi:*

*1. Xjentement naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Neville Camilleri LL.D. fejn fid-digriet tiegħu tah l-beneficċju tal-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar u li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mis-sitta ta' filgħaxija (1800 HRS) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sebgħa (0700 HRS) tal-għada filgħodu, u dan bi ksur tal-Artikolu 579 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati diversament preseduta li huma finali u definittivi.*

*Għaldaqstant, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħares id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tarresta lill-imputat mill-ġdid u dan a bażi tas-subinċiż (3) tal-istess Artikolu.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' April 2025 l-uffiċjal prosekutur qara u ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat illi matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tad-9 ta' April 2025, l-imputat minn jeddu irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta avżatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u

[1] Folio 3-5 tal-atti proċesswali

ikkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa lura minnha.[2]

Rat illi l-imputat reġa' tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[3]

Rat illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li issibu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi m'hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' April 2025 il-Qorti talbet sabiex jiġi imħejji *pre-sentencing report* sabiex ikollha valutazzjoni għal kunsiderazzjoni minħabba piena għall-imputat tenut kont tas-sitwazzjoni li jinsab fiha.[4]

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 4 ta' April 2025.[5]

Rat id-dokumenti kollha ippreżentati.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-piena fl-udjenza tad-9 ta' April 2025, kif ukoll it-trattazzjoni ulterjuri fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2025.[6]

Rat l-atti kollha.

---

[2] Folio 3-5 tal-atti proċesswali
[3] Folio 3-5 tal-atti proċesswali
[4] Folio 3-5 tal-atti proċesswali
[5] Dok. GK2, Folio 9-13 tal-atti proċesswali
[6] Folio 89-91 tal-atti proċesswali

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[7]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat illi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu meta huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest b'digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Neville Camilleri. L-imputat huwa akkużat ukoll illi irrenda ruħu reċidiv minn sentenzi ta' Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tad-9 ta' April 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[8]

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

---

[7] Folio 88 tal-atti proċesswali
[8] Folio 3-5 tal-atti proċesswali

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sal-4 ta' April tas-sena 2025.[9] Sa dakinhar il-fedina penali ma kienitx netta u fiha jinsabu reġistrati sentenzi kontrih.

2. L-imputat ammetta fl-ewwel okkażjoni li seta' u fl-aktar stadju bikri.[10]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[11] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

   *"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[12]

4. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-imputat għandha titqies bħala attenwanti favur tiegħu.

---

[9] Dok. GK2, Folio 9-13 tal-atti tal-atti proċesswali

[10] Folio 3-5 tal-atti proċesswali

[11] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

[12] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Illi għar-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni li għaliha l-imputat qed jammetti, il-Qorti qieset illi skond l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan igorr il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erbgħa (4) xhur sa sentejn (2).

7. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qed jiġi ikkunsidrat reċidiv skond dak li jipprovdi l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, din il-Qorti tista' iżżid il-piena bi grad.

8. Illi l-Qorti semgħet lill-uffiċjal tal-*probation* Marilyn Testa tixhed fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2025 u rat li ippreżentat *pre-sentencing report* fejn huwa rakkomandat illi l-imputat Jehiel Falzon jingħata piena ta' priġunerija skond il-parametri stabbiliti mill-liġi, iżda għal tul ta' żmien li jippermettilu jibda' u jispiċċa programm residenzjali kontra l-użu tad-droga.

9. In kwantu ta' piena l-Prosekuzzjoni irreferiet għar-rakkommandazzjoni tal-*probation officer* Marilyn Testa u ipproponiet illi l-imputat għandu jingħata tmien (8) xhur priġunerija inkluż ir-revoka tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest.

10. Illi d-Difiża argumentat illi tenut kont tal-akkużi fil-konfront tal-imputat, l-piena hija kwistjoni ta' xhur u mhux snin. Intalab illi l-Qorti għandha issib bilanċ bejn il-ħażin illi l-imputat għamel u l-interessi tas-soċjetá. Saħqet illi l-Qorti għandha tieħu l-ammissjoni bikrija in konsiderazzjoni. Id-Difiża sostniet illi l-akbar problema tal-imputat hija d-droga u allura għandha tinħareġ ordni ta trattament sabiex tgħin lill-imputat jindirizza din il-problema.

11. Illi l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dak li ipproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

"*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

13. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi iħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li ikun għamel.

14. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

"*Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati w għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent*

*ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena"*.[13]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi l-aktar piena idonea hija waħda karċerarja. Tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti tħoss illi ikun idoneju li, b'żieda mal-piena inflitta, l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' trattament.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 579(1), 579(2), 579(3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jehiel Falzon fuq ammissjoni tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah għall-piena ta' **tmien (8) xhur priġunerija** li minnhom għandhom jitnaqqsu dawk diġà skontati taħt arrest preventiv.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lill-ħati taħt **Ordni ta' Trattament** għal perjodu ta' **tliet (3) snin** mil-lum u dan skond il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

B'referenza għall-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tas-26 ta' April 2024 u tikkundanna lill-imputat għal multa

---

[13] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

ta' mitejn Ewro (€200) u tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) mill-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum, nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**